**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-10 ta' Ottubru 2022**

**Rikors Numru : 142/2022 JPG**

**Kawza Numru : 13**

**EA**

**U**

**CA**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 14 ta' Marzu 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu nhar l-Erbatax ta' Novembru tas-sena Elfejn u Disgha (14/11/2009) f'Gallicano Nel Lazio, l-Italja (Kopja vera tac-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala 'Dok. A');*

2. *Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;*

3. *Illi l-partijiet ilhom legalment separati de jure permezz ta' kuntratt tas-Separazzjoni fl-Atti tan-Nutar Reuben Debono mis-Sebgha ta' Marzu tas-sena Elfejn u Tnejn u Ghoxrin (7/03/2022) (kopja vera tal-Kuntratt tas-Separazzjoni anness u mmarkat bhala 'Dok. B');*

4. *Illi l-partijiet ilhom jghixu separati de facto mis-sena Elfejn u Tmintax (2018);*

5. *Illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi huma ilhom ma jghixu flimkien ghal Erba' (4) snin u huma separati*

*b'kuntratt ta' separazzjoni awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti;*

6. *Illi l-partijiet jghixu hajja totalment separata minn xulxin u ghaldaqstant, ma tezisti u wisq anqas qatt ma ezistiet ebda possibilita' li jirrikonciljaw;*

7. *Illi fil-kuntratt tas-separazzjoni nnifsu, l-partijiet iddekadew reciprokament u irrevokabbilment mid-dritt ta' retta alimentari minghand xulxin, u ghalhekk m'hemm ebda manteniment dovut;*

8. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega ghall ksib ta' divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kap.16) tal-Ligijiet ta' Malta;*

9. *Illi ma dan r-rikors, qed jigu annessi l-Affidavits tal-partijiet infishom (Affidavits annessi u mmarkati bhala 'Dok C u Dok D');*

*Ghaldaqstant, u in vista tas-suespost, l-esponenti umilment qed jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat fl-Erbatax ta' Novembru tas-sena Elfejn u Disgha (14/11/2009);*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati, sabiex fiz-zmien Imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat illi in-nota tal-partijiet datata 12 ta' Settembru 2022 li permezz taghha iddikjaraw li ma kellhomx aktar provi x'jipproducu jew trattazzjoni x'jaghmlu u stiednu l-Qorti tghaddi ghas-sentenza (vide fol 18);

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**CA xehed** (vide affidavit Dok C fol 12) illi l-kontendenti zzewgu nhar l-14 ta' Novembru 2009 gewwa l-Italja u li minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal. Iddikjara illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 7 ta' Marzu 2022 fl-atti tan- Nutar Dr Reuben Debono izda kienu ilhom separati sa mis-sena 2018. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemm ebda obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet.

**EA xehdet** (vide affidavit Dok D fol 13) u kkonfermat u kkorraborat dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena***

***mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-14 ta' Novembru 2009, liema zwieg jgib certifikat numru 2077/2009 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Reuben Debono nhar is-7 ta' Marzu 2022 waqt li kienu separati de facto ghal erba' (4) snin (vide Dok B fol 5 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2077/2009 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**